# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

## IMHALLEF

## ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI
## B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.

**Illum it-Tlieta , 30 ta' April, 2024**

**Kawża Numru: 14**

**Rikors Guramentat Numru:- 928/2022 JVC**

**L-Avukat Dr. Kevin Mompalao (13774G) bhala mandatarju specjali ta' Nataline-Anne (sive Natalie Ann, Avellino**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat, kif korrett b'digriet ta' din il-Qorti datat 25 ta' April, 2023, illi permezz tieghu r-rikorrenti Dr. Kevin Mompalao bhala mandatarju specjali ta' Natalie Ann Avellino talab kif isegwi:

1. 'Illi l-attrici propio twieldet fl-24 ta' Dicembru 1956 fil-pieta' Malta u dan it-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku ghal Malta fir-registru ghat-Twelidijiet, bin-numru progressiv 728/1957.

2. Illi l-att tat-twelid ta' l-attrici propio huwa skorrett billi fil-kolonna intestata 'Isem il-Wild' isimha hu indikat bhala 'Nataline-Anne', meta fil-verita dan kellu jkun Natalie Ann.

3. Illi fil-fatt sa minn tfulitha l-attrici kieent maghrufha bhala 'Natalie Ann' u mhux 'Nataline-Anne'.

4. Illi hi dejjem kienet imsejha b'dan il-mod mill-genituri u l-familjari taghha u isimha dejjem inkiteb b'dan il-mod.

5. Illi tul hajjitha l-attrici propio ghexet ghal-zmien twil fl-Awstralja fejn id-dokumenti ufficcjali kollha li jappartjenu lilha juru isimha bhala 'Natalie Ann'.

6. Illi minhabba l-mod skorrett kif gie registrat isimha fl-att tat-twelid, liema zball inkorra imbaghad fil-passaport Malti taghha l-esponenti qed ikollha diffikultajiet kull meta tigi biex tuza l-passaport Malti jew ic-certifikat tat-twelid.

7. Illi l-attrici propio tixtieq illi c-certifikat tat-twelid taghha jigi kkoregut billi fil-kolonna intestaata,'isem il-Wild' u kull fejn

fuq l-istess certifikat jinkorri isimha dan ghandu jaqra 'Natalie Ann' u mhux kif prodott 'Nathaline-Anne'.

8. Illi din il-kawza qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn l-attur nomine li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti in kawza.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-

(1) Tiddikjara illi l-att tat-twelid ta' l-attrici propio u cioe l-att tat-twelid numru 728/1957 huwa skorett billi isimha huwa indikat bhala 'Nataline-Anne' meta dan fil-fatt kellu jkun 'Natalie Ann';

(2) Tordna id-debita korrezzjoni ta' l-att tat-twelid msemmi billi fil-kolonna intestata, kolonni intestati 'Ismijiet moghtija' u 'Isem jew Ismijiet kif ghandha tissejjah' u kull fejn isem l-attrici jinkorri fuq l-istess certifikat tat-twelid imsemmi ghandu jigi mibdul u jigi jaqra 'Natalie Ann';

(3) Tordna lil konvenut jeffettwa tali korrezzjoni kif ordnata.

Bl-ispejjes kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, l-esponent jirrileva illi mid-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat promotur, jidher li l-isem li bih hija magħrufa r-rikorrenti proprio huwa fil-fatt 'Natalie Ann' u mhux 'Nathalie Ann' kif indikat mir-rikorrent nomine, u għalhekk huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li r-rikorrent nomine jitlob korrezzjoni ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex kull fejn jinkorri l-isem 'Nathalie Ann' fl-okkju, fil-premessi u fit-talbiet li jsawwru ir-rikors odjern, dan jiġi sostitwit bl-isem 'Natalie Ann';

2. Illi preliminarjament ukoll, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

3. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi skont l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti proprio nnumerat 728/1957, vera kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata **Dok. DRP 1**, ir-rikorrenti twieldet f'Malta fl-24 ta' Diċembru tas-sena 1956. Mill-istess Att tat-Twelid jirriżulta li fil-kolonna intestata 'Ismijiet mogħtija' hemm indikati l-ismijiet 'Nataline-Anne, Rose, Lucy', filwaqt illi fil-kolonna intestata 'Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ' hemm indikat l-isem 'Nataline-Anne', u dan kien iddikjarat mis-Sur Paul Avellino, li jiġi missier ir-rikorrenti, u għaldaqstant huwa ċar illi ma sar

ebda żball mill-esponent meta ġie rreġistrat l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti;

**5.** Illi r-rikorrent nomine qed jisħaq illi minkejja dak iddikjarat fl-Att tat-Twelid hawn imsemmi, ir-rikorrenti proprio dejjem kienet magħrufa bħala 'Nathalie Ann' u mhux bl-isem 'Nathaline-Anne'. In sostenn ta' dak iddikjarat ġew ippreżentati diversi dokumenti, madanakollu dawn juru l-isem 'Natalie Ann' u mhux l-isem 'Nathalie Ann', u huwa proprju għalhekk illi l-esponent issolleva l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu;

**6.** Illi fiċ-ċirkostanzi, fir-rigward tat-talbiet attriċi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**7.** Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, fir-rigward tat-tieni talba attriċi, qed jiġi rrilevat li ma tista' ssir ebda korrezzjoni fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom il-wild', stante li tali kolonna ma teżistix fl-Att tat-Twelid oriġinali tar-rikorrenti iżda tidher biss fl-estratt. Tali korrezzjonijiet jistgħu isiru fil-kolonni intestati 'Ismijiet mogħtija' u 'Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ', u għalhekk l-esponent huwa tal-umli fehma li r-rikorrent nomine għandu jitlob li ssir id-debita korrezzjoni anke f'dan ir-rigward fit-tieni talba tiegħu;

**8.** Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**9.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti proprio li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'

Rat illi saru l-korrezzjonijiet fir-rikors guramentat kif indikati fl-ewwel, il-hames u seba' eccezzjoni tad-Direttur intimat b'dana li dawn gew dikjarati sorvolati fil-verbal tal-25 ta' April, 2023;

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi esebita a fol. 29 u 30 tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 7 ta' Marzu, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat fosthom il-licenzja tas-sewqan tar-rikorrenti fl-Awstralja li turi isimha bhala 'Natalie Ann' u diversa dokumentazzjoni ohra li lkoll juru isimha bhala 'Natalie Ann' u mhux kif jidher fuq ic-certifikat tat-twelid Malti. Rat partikolarment il-passaport tar-Renju Unit a fol. 10 tal-process li wkoll juri l-isem 'Natalie Ann'.

Rat ukoll l-affidavit tar-rikorrenti a fol. 36 tal-process flimkien mad-dokumentazzjoni annessa. Hija tispjega kif l-intenzjoni tal-

genituri taghha dejjem kienet li hija jkun jisimha 'Natalie Ann' u mhux kif indikat fuq ic-certifikat tat-twelid taghha tant li sa minn dejjem kienet maghrufa b'dak l-isem. Tispjega li hija ghexet il-parti l-kbira ta' hajjitha barra minn Malta l-ewwel fir-Renju Unit u konsegwentement fl'Awstralja fejn fiz-zewg pajjizi hija dejjem kienet maghrufa u kellha dokumentazzjoni ufficcjali li turiha bl-isem ta' 'Natalie Ann'. Tindika li minn meta l-isem mhux korrett gie jidher fuq il-passaport Malti taghha dan qed jikrea diversi problemi meta hija tivvjagga.

Illi mill-provi kollha fl-atti l-Qorti tqis li r-rikorrenti rnexxielha tipprova b'mod sodisfacenti, sal-grad li trid il-ligi, li hija effettivament hija maghrufa bl-isem ta' 'Natalie Ann' u dan sa minn tfulitha, ghaldaqstant il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess. Stante izda li ma jirrizultax li dan huwa derivanti minn xi zball da parti tad-Direttur intimat l-Qorti tqis li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet rimanenti tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi l-att tat-twelid ta' l-attrici propio u cioe' l-att tat-twelid numru 728/1957 huwa skorett billi isimha huwa indikat bhala 'Nataline-Anne' meta dan fil-fatt kellu jkun 'Natalie Ann';

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna id-debita korrezzjoni tal-att tat-twelid msemmi billi fil-kolonna intestata, kolonni intestati 'Ismijiet moghtija' u 'Isem jew Ismijiet kif ghandha tissejjah' u kull fejn isem l-attrici jinkorri fuq l-istess certifikat tat-twelid imsemmi, ghandu jigi mibdul u jigi jaqra 'Natalie Ann';

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut jeffettwa tali korrezzjoni kif ordnata.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Tordna n-notifika ta' din id-decizjoni lid-Direttur tar-Registru Pubbliku skont il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' April, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' April, 2024**